



# *Monologi Semiserji, forsi ftit irreverenti, ta' statwi li jintramaw fil-festa ta' Sana Liena*

*F'din il-kitba qegħdin nagħtu ħarsa ħafifa lejn xi anniversrji ta' ċerta importanza, li għandhom rabta ma' Birkirkara, li jaħbtu din is-sena. Dawn huma jew anniversarji li qed jirrikorru f'għeluq il-mitt sena jew inkella f'għeluq il-ħamsin sena.*

## Anniversarji Karkariżi fis-Sena 2018

**3 ta' April 1718** - Kien ħa l-pussess bħala l-ħames Prepostu tal-Kolleġġjata Dun Ġużepp Gaspare Vassallo. Huwa kien Duttur fil-liġi kanonika u ċivili (J.U.D), Protonotarju Apostoliku fl-uffiċċju tal-Inkwiżizzjoni lokali, Prokuratur tal-Mensa tal-istess Sant'Uffiċċju u Reviżur tal-kotba ħżiena. Dun Ġużepp kien mar Ruma u meta kien għadu kjeriku, jiġifieri ma kienx għadu ordnat Saċerdot, irnexxielu jieħu d-dinjità ta' Prepostu. Barra minn hekk, Vassallo kien ukoll Vigarju tal-Lateran u Kummissarju tas-Simoniji għal Malta. Kien hu li ġġieled biex setgħu jinżammu ċerti prerogativi tal-Prepositura Karkariża, fosthom is-Sedja Prepositali. Fi żmienu bdiet tinbena l-Bażilika Elenjana tal-lum u ħadem ħafna f'dan ir-rigward. Il-knisja tbierket u bdiet tintuża fi żmienu wkoll fis-sena 1745. Dun Ġużepp Gaspare Vassallo miet erba' snin wara fis-17 ta' Lulju 1749.



**1 ta' Marzu 1818** - Dr. Paolo Borg kien inħatar bħala Deputat Logutenent għal Birkirkara, kif issa kien beda jissejjaħ minflok Logutenent, dak li kien speċi ta' Sindku, fl-ewwel żminijiet ta' l-amministrazzjoni Britannika f'pajjiżna. Dr. Borg kien daħal għal kollox fil-kariga ta' Deputat Logutenent tad-distrett ta' Birkirkara wara l-mewt ta' Gregorio Gatt li kien fil-kariga qablu. Huwa dam f'din il-kariga sas-sena 1839 meta din kienet ġiet abolita u kien ngħata pensjoni.

**30 ta' Ġunju 1818** - Miet Girgor Gatt li fl-aħħar żmien tal-Kavallieri kien ġurat jew rappre-entant għal Birkirkara fl-Universitas, li ġieli kien magħruf ukoll bħala Kunsill Popolari jew gvern tal-Maltin, fl-Imdina. Meta ġew il-Franċiżi kien wieħed mill-amministraturi tal-muniċipalità ta' Birkirkara u t-tliet irħula u mill-1804 kien logutenent (speċi ta' Sindku) ta' Birkirkara, fl-ewwel żminijiet ta' l-amministrazzjoni Ingliża. Issemmiet triq għalih fl-inħawi magħrufin bħala Tal-Qattus.

**24 ta' Ġunju1918** - Twieled f'Birkirkara l-pittur Ganni Fenech, popolarment magħruf fir-Raħal bħala *Tas-Sikkina*. Huwa kien ukoll mastrudaxxa mfittex bil-ħanut tax-xogħol fi Triq Mannarino, li ħafna għadhom jiftakru. Kien ukoll disinjatur ta' karrijiet kemm tal-Karnival kif ukoll għal xi ċelebrazzjonijiet nazzjonali u anke d-dekor intern ta' stabilimenti. Ganni Fenech kien ipitter ukoll fuq il-ħġieġ kif jidher







mit-twieqi tal-Bażilka Elenjana u t-tieqa l-kbira fik-kor tal-Knisja l-Qadima. Huwa Miet fl-2008 u għalhekk dis-sena huwa wkoll l-għaxar anniversarju tal-mewt tiegħu.

**3 ta' April1968** - L-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi bierek il-knisja ġdida ta' San Ġużepp Ħaddiem fl-inħawi li kienu qed jiġu żviluppati residenzjalment, magħrufin bħala l-Bwieraq.



*It-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja ta' S. Ġużepp Ħaddiem fl-1965*

**4 ta' Settembru 1918** - Mill-Matriċi ta' Birkirkara nqatgħet u saret parroċċa ġdida oħra, dik ta' Santa Venera, it-tmien parroċċa, li nqatgħat in parti mil-limiti tal-parroċċa ta' Santa Liena.



*Knisja Qadima ta' Santa Venera*



*Il-knisja ta' Sidtna Marija tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema - faċċata l-qadima*

**24 ta' Settembru 1918** - Titwaqqaf il-parroċċa ta' Sidtna Maria tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, minn dik ta' Stella Maris. B'hekk il-parroċċa ta' Santa Liena ta' Birkirkara saret Arċimatriċi.






*Iz-zokklatura u bażijiet tal-pilastri u l-lapida*

**1968** - Din is-sena kienet saret iz-zokklatura tal-irħam iswed madwar il-knisja kollha u l-bażijiet tal-pilastri b;irħam isfar u roża, tal-korsija u tal-kappelluni tal-Kolleġġjata u Bażilka Elenjana. Il-proġett kollu kien inizjattiva tal-Prepostu ta' dak iż-żmien, Mons. Injazju Sciberras Psaila J.U.D., li kien hu stess li kien ħallas għaz-zokklatura, minbarra xi partijiet fejn diġà kien hemm. Il-bażijiet tal-pilastri saru minn benefatturi jew soċjetajiet, li isimhom jidher fuq kull wieħed minnhom. Tfakkar dan hemm lapida fl-istess zokklatura, qrib il-kappella tal-Kunċizzjoni fl-istess Bażilka.

*-Philip Xuereb*